# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# (BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

ILLUM 24 TA' APRIL, 2001

IL-PULIZIJA
(SPETTUR GAETANO WALKER)

VS

JACQUELINE DIMECH SIVE BUGEJA

IL-QORTI

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputata u dan talli fit-23 ta' Dicembru 1985 iddenunzjat lil pulizija esekuttiva reat li kienet taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar kif ukoll talli fil-31 ta' Jannar 1986 tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghal piena aktar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn sew kontra kemm favur Francis Bugeja, l-persuna akkuzata.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 205 tal-process li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputata u a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 110 (2), 104 (1),u 533 tal-Kodici Kriminali, iddecieda li jibghat lill-istess imputata sabiex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputata u prevja is-smigh tax-xhieda ta' Francis Bugeja.

Rat dak verbalizzat a fol 213, 214, 219 u 227 tal-atti.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fil-18 ta' Settembru, 1995 (fol 228 ibid).

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma ghandhiex tali oggezzjoni (ara fol 228 u 229 tal-process).

Semghet lill-akkuzata tammetti, minn jeddha, u presenti l-avukat difensur taghha, li hi hatja tal-akkuza migjuba taht l-artikolu 110 (2) tal-Kodici Kriminali (fol 261 ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzata kif premess, ammettiet li hi hatja tal-akkuza migjuba a bazi tal-artikolu 110 (2) tal-Kodici Kriminali ossija li ddenunzjat lill-pulizija ezekuttiva reat li hi taf li ma kienx sar jew li bil-qerq, holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li l-istess reat jkun sar ("Holqien ta' reat"). Pero, hi qed tikkostata li ma ikkommettietx dak stipulat fl-artikolu 104 (1) tal-istess Kodici fis-sens li hi tikkondividi li ma tatx xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt soggett ghall-piena aktar minn dik ta' sentejn prigunerija sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata ('Spergur' f'xi kawzi kriminali).

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jkun opportun li ssir sintesi tal-fatti kif rizultanti mill-provi prodotti kif ser jinghad:

a) Fit-23 ta' Dicembru, 1985, l-akkuzata flimkien ma' Doreen Chircop, kienet marret ghand l-ispettur John Mifsud fl-ufficcju ta' dan fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana u waqt li kienet tidher imbezza, qalet lill-istess spettur li xtaqet, flimkien ma' Doreen Chircop, taghmel rapport kontra certu Francis Bugeja fis-sens li "kienu qeghdin jipprattikaw prostituzzjoni ghal din il-persuna, li din il-persuna kienet qed theddidhom u issawwathom ....." In konnessjoni mal-istess rapport maghmul mill-akkuzata u Doreen Chircop, l-ufficjal prosekutur interroga lil-akkuzata u debitament imwissija skond il-ligi, din irrilaxxat l-istqarrija bil-miktub, li tinsab esebita in atti u immarkata dok JM 1 a fol 37 et seq ibid). Konsegwentement ittiehdu proceduri kriminali quddiem il-Qorti fil-konfront tal-imsemmi Francis Bugeja a bazi tar-rapport u stqarrijiet maghmulin mil-akkuzata kif ukoll minn Doreen Chircop u Susan Bugeja li kienu fis-sustanza ikkonfermaw dak li kienet allegat l-istess akkuzata (ara fol 40 u 42 tal-istess atti). Fil-proceduri kontra l-imsemmi Francis Bugeja, l-akkuzata kienet xehedet taht gurament fil-31 ta' Jannar, 1986 u ikkonfermat l-istess rapport li kien sar lill-ispettur John Mifsud (ara fol 34 et seq ibid). Konsegwentement ittiehdu proceduri kriminali quddiem il-Qorti fil-konfront tal-imsemmi Francis Bugeja a bazi tar-rapport u stqarrijiet maghmulin mill-akkuzata kif ukoll minn Doreen Chircop u Susan Bugeja li kienu fis-sustanza kkonfermaw dak li kienet allegat l-istess akkuzata (ara fol 40 u 42 tal-istess atti). Fil-proceduri kontra l-imsemmi Francis Bugeja l-akkuzata kienet xehedet taht gurament fil-31 ta' Jannar, 1986 u ikkonfermat l-istess rapport li kien sar lill-ispettur John Mifsud (ara fol 34 et seq ibid).

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn l-atti giet esebita kopja awtentika tax-xhieda moghtija mill-akkuzata fi tlett okkazjonijiet cioe fil-31 ta' Jannar, fit-12 ta' Jannar, 1989 kif ukoll fis-16 ta' Jannar, 1989.

Mill-istess traskrizzjoni jidher li l-akkuzata fix-xhieda li tat fit-12 ta' Jannar 1989 testwalment "jiena nghid illi b'referenza ghax-xhieda li ghadha kemm inqratli, dak li hemm hemmhekk mhuwiex minnu" u dan b'referenza ghax-xhieda taghha taht gurament moghtija minnha fil-31 ta' Jannar, 1986 fil-proceduri kontra Francis Bugeja.

Wara li spjegat x'kienet ir-raguni talli ghamlet ir-rapport lill-pulizija fil-konfront ta' Francis Bugeja hi sostniet ".... illi mhux veru li Francis Bugeja kien ihajjarni ghall-prostituzzjoni u kien isawwatni biex naghmel dan" u "fejn ghidt li Frans Bugeja lili kien isawwatni u kien anke rabatni mas-sodda biex ihajjarni ghall-prostituzzjoni, jiena nghid li dan ma kienx minnu. Lanqas ma huwa veru li Francis Bugeja kien hadni biex nehles minn xi tarbija li kien ser ikolli ...... " (ara ukoll ix-xhieda li tat fit-tielet okkazjoni fis-16 ta' Jannar, 1989).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi bhala xhieda gew prodotti mill-prosekuzzjoni kemm Susan Farrugia nee Bugeja oht l-akkuzata kemm Doreen Chircop (fol 61 et seq ibid). In rigward Doreen Chircop din ikkonfermat, taht gurament, dak li originarjament kienet irraportat u stqarret lill-pulizija skond l-anness Dok JM3 a fol 42 tal-atti u fil-konfront ta' Francis Bugeja.

Hi fil-fatt ikkonfermat dak li kient irraportat, stqarret u xehedet taht gurament fl-ewwel okazzjoni l-akkuzata. Da parti taghha Susan Farrugia nee Bugeja oht l-akkuzata wara li qalet li ma xtaqetx tixhed kontra l-istess ohtha, ikkonfermat ukoll li dak li kien rapportat originarjament lill-pulizija vis-a-vis dejjem l-istess Francis Bugeja kien il-verita (ara l-istqarrija ta' din mmarkata dok JM2 a fol 40 u 41 tal-atti).

Illi Francis Bugeja (ara fol 74 u 230 ibid) gie prodott bhala xhud, izda ghazel li ma jixhidx stante li kien hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu a bazi tar-rapporti hawn fuq imsemmija.

Il-proceduri kontra l-istess Francis Bugeja damu pendenti ghal perjodu konsiderevoli ta' snin (ara per ezempju x-xhieda ta' Victor Mifsud a fol 220 u 221 tal-atti). Di fatti minhabba dan il-fatt, inghataw l-ordni u id-digriet a fol 228 u 230 tal-atti sabiex il-proceduri kontra l-akkuzata jistghu jitkomplew u jigu finalizzati.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-akkuza taht l-artikolu 104 (1) tal-Kodici Kriminali ghandu jinghad is-segwenti:

a) Ma ingiebx a konjizzjoni ta' din il-Qorti x'kien l-ezitu fil-proceduri kontra Francis Bugeja.

b) Pero hu minnu li fil-proceduri kontra l-istess Bugeja l-akkuzata irritrattat, taht gurament, dak li kienet xehedet originarjament f'dawn il-proceduri, kif hawn fuq gie premess. Ghalhekk jidher evidenti li fl-istess proceduri hi kkommettiet ir-reat kontemplat fl-artikolu 104 (1) hawn fuq citat waqt li jinghad li din il-Qorti hi konvinta li l-akkuzata xehedet dak li verament gara fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 1986 u ikkommettiet ir-reat in ezami meta irritrattat ix-xhieda taghha originali fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 1989 u tas-16 ta' Jannar, 1989. In konnessjoni ma' dan, jinghad ulterjorment li mill-provi prodotti jidher li kemm Susan Farrugia nee Bugeja kemm Doreen Chircop qatt ma irritrattaw kemm ir-rapport maghmul minnhom kemm ix-xhieda moghtija minnhom taht gurament.

c) Fid-dawl ta' dak li inghad fil-paragrafu "b", 'supra' ma hemmx htiega li ssir referenza ghall-artikolu 639 (1) tal-Kodici Kriminali.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi tenut kont ta' dak kollu premess jidher li l-akkuzata ghandha tinstab hatja anke tal-akkuza taht l-artikolu 104 (1) citat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-akkuzata hatja talli fit-23 ta' Dicembru 1985 iddenunzjat lill-pulizija esekuttiva, reat li kienet taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar kif ukoll talli fil-31 ta' Jannar 1986 tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghal piena aktar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn sew kontra kemm favur Francis Bugeja, l-persuna akkuzata u dan skond l-artikoli 110 (2) u 104 (1) tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena jidher li:

a) Sa l-akkuzi in ezami l-akkuzata kellha fedina penali netta u nadifa ghall kollox.

b) Minhabba c-cirkostanzi kif spjegat in rigward il-produzzjoni bhala xhud ta' Francis Bugeja u minhabba li l-istess Qorti tat diversi differimenti sabiex jingiebu provi 'in difesa' dawn il-proceduri gew imtawwlin konsiderevolment, il-Qorti tara li l-akkuzata timmerita l-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-akkuzata tigi liberata minghajr ebda kundizzjoni. In rigward l-artikolu 533 citat, l-istess Qorti ma tarax kif dan jista jigi applikat stante li ma gewx nominati esperti f'dawn il-proceduri.

Alan Calleja
Deputat Registratur.